**23 ta' Mejju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Mark Borda *noe*

*versus*

Rafel Muscat

**Patt Kommissorju Taċitu - Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili**

*Huwa veru li l-patt kommissorju li għandu l-istess effett tal-kondizzjoni riżoluttiva huwa sottintiż f'kull kuntratt bilaterali izda f'dan il-każ il-kuntratt ma jinħallx* ipso iure *u l-Qorti tista' tagħti żmien lill-parti inadempjenti biex tesegwixxi l-obbligazzjoni tagħha. Għalhekk il-konvenut ma jistax iwaqqa' l-kuntratt imma se mai dan jinħall b'ministeru tal-Qorti fuq talba tal-parti u mhux* ope exceptionis.

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' mitejn u disa' liri, oltre l-imgħax tat-8 fil-mija fis-sena mill-25 ta' Marzu, 1980, minnu dovuti bħala bilanċ ta' prezz ta' magna tal-ħasil Princess, u *cooker* tal-marka Ignis lilu mibjugħa u kkonsenjati;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi l-magna tal-ħasil hi difettuża, u kemm-il darba talab lill-attur

*nomine* sabiex jara fejn qiegħed id-difett u jirranġa l-magna, iżda dan qatt ma sar, u bil-patt kommissorju taċitu mhux tenut ikompli jħallas la darba ma ħax l-oġġett kif pattwit;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mismugħa jirriżulta li l-konvenut kien xtara mingħand is-soċjetà attriċi magna tal-ħasil u *cooker*, u li għad fadallu jħallas bħala bilanċ tal-prezz tagħhom is-somma ta' mija u tmienja u disgħin lira (Lm198) stante li fit-23 ta' Diċembru, 1981, il-konvenut ħallas pagament ieħor akkont ta' ħdax-il lira, u b'hekk l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni jrid jiġi ridott bl-istess ammont (jiġifieri Lm209 - Lm11);

Illi l-konvenut mhuwiex qed jikkontesta, bħala *quantum*, l-ammont mitlub mill-attur *nomine*; iżda jeċċepixxi, fl-ewwel lok illi l-magna tal-ħasil hija difettuża, u fit-tieni lok illi huwa mhux obbligat iħallas il-bilanċ mitlub bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu, stante li l-attur *nomine* baqa' inadempjenti peress li ma rranġax id-difett illamentat mill-konvenut. Dwar il-*cooker* ma qal xejn;

*Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut din ma* tirriżultax sodisfaċentement ippruvata, peress li l-provi huma konfliġġenti. Infatti, l-attur jgħid li meta mart il-konvenut għamlet *complaint* huwa sab li l-magna ma kellha ebda difett, u d-difett kien fil-*plug*, li fil-fatt irranġawh u minn dak iż-żmien il-konvenut ma għamel ebda *complaints* oħra. Mart il-konvenut għall-kuntrarju xehdet li appena bdiet tużaha, il-magna bdiet tixxokkja irqiq irqiq, u minkejja li sewwew il-*plug*, xorta baqgħet b'dan id-difett; l-istess difett baqa' anke wara li ħaditha band'oħra biex tissewwa. Madanakollu, *l-magna xorta baqgħet*

għandha u għadha tużaha. Apparti minn dan, illum il-konvenut iddekada ċertament mill-azzjoni li jaġixxi kontra l-attur għal difetti moħbija;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, huwa veru li l-patt kommissorju (li għandu l-istess effett tal-kondizzjoni riżoluttiva) huwa sottintiż f'kull kuntratt bilaterali (bħalma huwa dak bejn il-partijiet dwar il-komprovendita tal-magna in kwistjoni). Però f'dan il-każ il-kuntratt ma jinħallx *ipso iure*, u l-Qorti tista' tagħti żmien lill-parti inadempjenti biex tesegwixxi l-obbligazzjoni tiegħu. Għahekk, il-konvenut ma jistax *marte proprio* jwaqqa' l-kuntratt, imma se mai dan jinħall b'ministeru tal-Qorti fuq talba tal-parti, u mhux *ope exceptionis* (ara Vol. XXXVII.I.197). Għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni tal-konvenut ma hija sostenibbli;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talba ta' l-attur tinsab sodisfaċentement ippruvata, s'intendi għas-somma ta' Lm198;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, fil-kwalità tiegħu premessa, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas s-somma ta' Lm198, bl-imgħax tat-8% fis-sena mill-25 ta' Marzu,1980, u bl-ispejjeż kollha.

---